KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 20** **Ħamis 9 ta' Lulju 2020**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda B. Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Mikhail Micallef -Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier

**ASSENTI**
Angele Rapa - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

**MISTIEDEN:**
Daniel Galea - Accountant

**Minuti**
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

**20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, ta' Mikhail Micallef, Joseph Gatt u Shirley Abela.

Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 19**

**REF: 14.3.2 Two CCTV cameras sponsored by Regjun Tramuntana**

Is-Sindku nfurmat li r-Reġjun nforma li din il-ġimgħa ser jinfetaħ it-tender, u s-Sindku nfurmat lir-Reġjun bid-deċiżjoni tal-Kunsill li lesti nħallsu sa massimu ta' 600 Ewro għal kul CCTV camera, għal-internet u *maintenance*.

**REF: 16.3.3 Kors għal-Anzjani**
Is-Sindku nfurmat li dan mhux ser jsir peress li issa għadda ż-żmien.

**REF: 11.3.7 Komunikazzjoni – Diskussjoni re: Contracts Manager**
Is-Sindku nfurmat li l-Kunsillier Cassar bagħat xi *updates,* dawn ħa jiġu implimentati u tintbagħat l-aħħar verżjoni.

**REF: 18.3.8 Komunikazzjoni – Bowsers ta' l-ilma Housing Estate**
Is-Sindku nfurmat li diġà mar l-ewwel bowser.

**REF: 11.4.15 PAMA**
Is-Sindku nfurmat li issa jridu jiltaqaw ma l-awtur wara li l-Kunsillier Camilleri dar id-*draft* tal-ktieb.

Dwar Il-kuntratt tal-PAMA li issa huwa skadut, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li bagħtet email lil PAMA biex jgħatu *updates* li l-Kunsill kien ilu jitlob, kif wkoll ikkupjat liċ-Chairman tal-Planning Authority, u sal-lum għadna bla risposti.

Il-Kunsillier Cassar nforma li waqt laqgħa li saret ma ċ-Chairman ta' dak iż-żmien, il-Kunsill kien ressaq it-tħassib tiegħu ta' kemm il-PAMA kienu ħa jonoraw il-Kuntratt li kien jiskadi f'Mejju 2019. Il-Bord ta' Planning Authority kien ċar li mhux ser jiddejqu jwaħħlu l-multi neċessarji jekk il-PAMA ma kienx ser jonora id-data tal-Kuntratt.

Il-Kunsillier Howard issuġġerixxa li għanda tintbagħat ittra legali lil-PAMA, biex nevitaw ir-riskju li jista' jkun hemm preskrizzjoni. Il-membri preżenti unanimament qablu li tintbagħat ittra uffiċjali mil-Kunsill.

**REF: 16.3.4 Outdoor Gym Zokrija**
Is-Sindku nfurmat li l-proġett miexi, u ntbagħtu r-ritratti tal-progress lil Kunsilliera.

Il-Kunsilliera Bonnici u Zerafa nfurmaw li rċevew il-pjanta però persuni sportivi li jagħmlu użu mil-Parkour, talbu x'tip ta' *equipment* ħa jkun hemm.

Fis 6:30pm daħlu għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa u l-Viċi Sindku.

**REF: 18.3.3 Komunikazzjoni Bye Laws Ġonna u Ħamiem**
Il-Kunsillier Cassar staqsa f'hiex waslu l-Bye Laws. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet *update* lil avukat fuq tal-ġonna, u rigward tal-ħamiem l-avukat issa jrid jagħmel it-traduzzjoni bil-Malti.

**REF: 19.4.10 Jum Dinji Donaturi tad-Demm**
Il-Kunsillier Cassar nforma li issa li għadda il-Jum Dinji Donaturi tad-Demm, nistaw il-bozoz jinbidlu bil-lest għal festa.

**REF: 19.4.13 Sqaq fi Triq il-Bufula l-Ħamra**
Il-Kunsillier Cassar talba biex nġiebu kwotazzjoni, peress li dan l-isqaq ġie approvat li jsir mid-Development Funds, biex jsir baġit peress li issa l-NGO's jistaw wkoll japplikaw għal dawn il-fondi, u hemm proġetti oħrajn ippjanati u li qed jsiru. Is-Sindku nfurmat li l-Planning Authority ħa tkun qegħda jifformula kuntratt mil-ewwel bla dewmien.

**REF: 19.5.3 Approvazzjoni- Ingaġġ ta' skrivan skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li s-sejħa għal skrivan skala 15, wara li l-Kunsill ingħata l-approvazzjoni mid-DLG, sar il-proċess u l-ewwel nħarġet is-sejħa interna bejn il-Kunsill tagħna stess u din għalqet fis-26 ta' Ġunju 2020 u ma applika ħadt. Wara intbagħtet interna bejn il-Kunsilli Lokali, reġjuni u Tribunali fejn din għalqet illum 9 ta' Lulju 2020. Għalhekk issa jmiss li nirċievu il-lista part 1 mil Jobsplus.

**REF: 19.5.4 Update dwar approvazzjoni ta' 3 assistent skrivan skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li s-sejħa għal skrivan skala 16, saru l-*interviews* nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju. Irċevejna erba' applikazzjonijiet u ntgħażlu tlieta, li huma Dorianne Wells, Aaron Debono u Carmen Farrugia. Ir-raba applikanta kienet *over qualified* u l-paga ma kienitx dak li x'taqet.

Il-membri preżenti ġew nfurmati li s-Sindku u l-Kunsilliera Bonnici ġew mibdula mil-Kunsillier Camilleri biex jagħmel żewġ *interviews* min flokhom peress li kien hemm żewġ applikanti li kienu magħrufa miż-żewġ membri tal-bord rispettivament.

Il-Kunsillier Cassar ressaq osservazzjoni biex dawn l-applikanti jaħdmu għal kulħadd mingħajr preferenzi, kif dejjem ħadmu l-impjegati tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li qatt ma kien hemm dan it-tip ta' aġir, u mhux tollerat jekk xi qatt jkun hemm impjegat li jaħdem b'xi preferenza lejn xi Kunsillier partikolari.

**REF: 19.4.4 Tal-Wej (Sta. Margerita)**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li qed nistennew mis-sid tal-post għal meta ħa jkollu bżonn li-skips.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 19.

Fis 6:53pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqara item 20.5.4 - Management Letter and Reply to Management Letter

**20.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**20.3.1- Kommunikazzjoni - WSC 1097/20 SQAQ XORXA AND SQAQ NR.2, MOSTA**
Is-Sindku ressqet il-kwotazzjoni ta' €7,073.93 VAT inkluż, liema ammont jkopri; *trench excavations and trench re-instatement works, installation of buried infrastructure (potable water house services).*

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni.

**20.3.2 Kommunikazzjoni-WSC 1096/20 TRIQ SAN ANTON ABBATI SQAQ NR.3, MOSTA**
Is-Sindku ressqet il-kwotazzjoni ta' €617.59 VAT eskluż, liema ammont jkopri; *earth works, potable and waste water.*

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni.

**20.3.3 Kommunikazzjoni-Sqaq fi Triq il-Bufula l-Ħamra biex isir block paving**
Is-Sindku tat *update* fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill laqgħa numru 19 *item* 19.4.3, u talbet għal approvazzjoni tal-Kunsilliera biex jsir *concrete imprint* flok konkos, kif wkoll biex jsir sprall.

Dan il-proġett ħa jsir mid-Developement Funds, u qabel ma napplikaw il-Perit tal-Kunsill jrid jipprovdi kwotazzjoni tax-xogħolijiet.
Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**20.3.4 Kommunikazzjoni - Kwotazzjoni Sagra Familja – Bidnija**
Is-Sindku ressqet kwotazzjonijiet biex jsir dawl fi Triq Sagra Familja fil-Bidnija.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni numru 667 (Option B), li tammonta għal €8,956.20c, VAT inkluż.

**20.3.5 Kommunikazzjoni - Belisha Lights fi Triq il-Bazilika, Triq St.Anna u Triq Sammy Calleja**
Is-Sindku ressqet suġġeriment ta' residenti biex jsiru Belisha Lights fi Triq il-Bażilika u Triq St. Anna, però dawn jidher li l-unika opzjoni hija biex jeħlu mal-faċċati, u hemm sidien li ma jridux.
Il-membri preżenti unanimament qablu li għalissa ma jsirux.

Hemm bżonn wkoll Belisha Lights fi Triq Sammy Calleja.
Il-membri preżenti unanimament approvaw biex nitolbu kwotazzjoni għal Belisha Lights fi Triq Sammy Calleja. Is-Sindku ħa tipprovdi *site plan* mmarkata, fejn jridu jiġu il-Belisha Lights.

**20.3.6 Kommunikazzjoni - Timed parking St Mary's Clinic**
Is-Sindku ressqet talba biex jsir *timed parking*.
Il-membri preżenti unanimament m'approvawx din it-talba, għax *timed parking* mkien ma jista' jsir.

**20.3.7 Kommunikazzjoni - Problema ta' sewqan fi Vjal Ragusa u Vjal il-Qalbiena Mostin**
Is-Sindku ressqet talba min residenti li qed jitolbu biex jsir xi ħaġa dwar is-sewqan eċċessiv.

Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti u qablu li jrid jsir xi ħaġa fi Vjal Qalbiena Mostin u Vjal Indipendenza. Is-Sindku ssuġġeriet biex il-Kunsill jinvesti fi *speed cameras*, biex bħala spejjeż jsiru mil-Kunsill, imma jiġu mmonitorjati mil-LESA.

Il-membri preżenti qablu biex is-Sindku tkellem lil-LESA u tagħti *update*.

Dwar Vjal Ragusa il-Kunsillier Cassar nforma li din it-talba kienet saret u ma ġietx approvata min Transport Malta.

**20.3.8 Korrispondenza- Talba għal sleeping policeman fi Triq EB Vella**
Is-Sindku resqet talba min resident biex ssir *sleeping police* fi Triq EB Vella.
Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera għax din it-talba kienet diġà telgħet fuq il-mejda tal-Kunsill, u unanimament din it-talba ma ġietx approvata.

**20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**
**20.4.1 – WM Environmental**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk irċevejniex lura mingħand WM Environmental. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma qablux mad-deċiżjoni tal-Kunsill u bgħatulna ittra bil-Qorti, però s'issa għanda ma rċevejniex appuntament biex nidhru l-qorti.

## 20.5 Rapporti

**20.5.1 Awarding of Tender KLM-02-2020 - Remove of existing Air-Conditioning unit/s, Supply and Installation of new Air-Conditioning System in Mosta Town Hall.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan it-tender ingħalaq u bdew it-10 *days contestation*. Bħala l-irħas bidder huwa KBL Services.

**20.5.2- Awarding of Tender KLMT-01-2012 - Printing of Mosta Local Council Magazine, Flyers and Printed Materials**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan it-tender intrebaħ min Salander Group Co. Ltd bl-irħas offerta.

**20.5.3 - Awarding of Tender KLMT-03-2020 - Tender for the Supply, Installation and Maintenance of Traffic Signs and Road Markings**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan it-tender intrebaħ min Koperattiva Tabelli u Sinjali bl-irħas offerta.

**20.5.4 - Management Letter and Reply to Management Letter**
L-accountant Galea ta' spjegazzjoni tal-'Management Letter' Appendiċi A, u r-risposti tal-Kunsill, 'Reply to Management Letter' Appendiċi B.

Il-membri preżenti unanimament approvaw ir-Reply to Management Letter.

Fis 7:15pm L-accountant Daniel Galea lesta ir-rapport tiegħu u ħareġ mil-laqgħa.

**20.5.5 - Update- Ingaġġ ta' skrivan skala 15.**
L-*update* sar waqt l-kunsiderazzjoni tal-minuti item REF: 19.5.3.

**20.5.6 - Update dwar approvazzjoni ta' 3 assistent skrivan skala 16**.
L-*update* sar waqt l-kunsiderazzjoni tal-minuti item REF: 19.5.4.

**20.5.7 Talba sabiex N/S in Triq il-Kultellazz u area f'tal-Beżbiżija jingħataw isem.**
Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li ħa ssir talba biex il-parti tal-garaxxijiet fi Triq il-Kultellazz jkollha isem uffiċjali ta' N/S in Triq il-Kultellazz. Kif wkoll hemm triq f'tal Beżbiżija li għada bla isem, biex napplikaw ma lis-Street Naming Committee.
Il-membri preżenti unanimament qablu biex it-triq bla isem fi triq il-Beżbiżija tingħata isem ta' Triq il-Pitiross.

**20.5.8 Gabbani, Imwejjed/Imwejjed tal-Qubbajd u Siġġijiet**
Is-Sindku nfurmat li flimkien mal-Kunsillier Cassar saret laqgħa mal-parroċċa u din is-sena l-festa mhux ħa tkun bħas-snin ta' qabel imma ser jkun hemm pellegrinaġġ, funzjoni ħa ssir filgħaxija, u baned ħa jkunu qed jdoqqu fuq iz-zuntier.

Rigward mwejjed u siġġijiet saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti u ser issir laqgħa mal-istabbilimenti, fejn il-permess ser joħroġ bla ħlas biex ngħinu l-istabbilimenti tal-kummerċ minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19. Il-permess ser jinħareġ mit-13 sal 15 ta' Awwissu, fejn fil-15 ta' Awwissu l-istabbilimenti kollha li jinsabu fit-triq fejn ser jgħaddi l-pellegrinaġġ jridu jkunu żarmaw sat-3:00pm inkluż il-barijiet. Wara li jgħaddi l-pellegrinaġġ jistgħu jerġaw jarmaw.

Is-Sindku nfurmat li flimkien mal-Kunsillier Cassar ser ssir laqgħa oħra ma l-istakeholders kollha li għandhom x'jaqsmu mal-festa, biex jiġi f'finalizzat il-programm tal-festa, fejn jidħlu wkoll gabbana u mwejjed tal-qubbajt, fejn dawn ta' l-aħħar qed jiġi propost li jkunu fil-parking area, mhux mat-triq bħas-snin ta' qabel.

Is-Sindku nfurmat li għalkemm qed jiġi mfassal programm għal-ġimgħa tal-festa, dan jiddependi kollox min kif jiżvolġu l-affarijiet relatati mal COVID-19 u direzzjonijiet li tista' toħroġ min ħin għal ħin is-suprintendenza tas-Saħħa Pubblika. Dawn it-tibdiliet fil-programm tal-festa qed jsir għal din is-sena biss.

Fid 9:00pm il-membri preżenti unanimament approvaw li l-ħin tal-laqgħa jiżdied bi kwarta, sad-9:15pm.

**20.5.9 – Slow Street Projects**
Is-Sindku nfurmat lil-Kunsilliera li għal dan il-proġett irridu naraw liema Perit ser ngħażlu, jekk hux dak min naħa tar-reġjun jew ta' l-AKL. Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li jintgħażel il-Perit tal-AKL.

**20.5.10 – Festival tan-nar**
Is-Sindku nfurmat li l-festival organizzat mir-Reġjun tan-nar u baned ser jsiru fil 25, 26 u 27 ta' Settembru, fejn ġurnata minnhom ħa tkun ġewwa l-Mosta. Ir-Reġjun għandu jinforma liema ġurnata ħa jsir il-festival ġewwa l-Mosta.

**20.5.11 – Reklami ma l-Għaqdiet**
Il-membri preżenti unanimament approvaw li nagħmlu reklami ma l-għaqdiet bħas-snin ta' qabel ta' massimu ta' 150 Ewro kull għaqda.

**20.6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**20.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 105.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 10 ta' Ġunju sad-9 ta' Lulju 2020.

**20.6.2 Purchase Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**20.6.3 Works Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**20.6.4 Petty Cash**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Ġunju 2020. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**20.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:15 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-4 ta' Awwissu 2020.

Konfermati llum 9 ta' Lulju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |